# IR-RANDAN FI TFULITI

***Drawwiet li spiċċaw***



F'nofs il-lejl tat-Tlieta, l-aħħar ġurnata tal-Karnival jibda r-Randan – erbgħin jum ta' penitenza u sawm għal kull min għalaq tmintax-il sena. Dan kien ifisser li ma tistax tiekol laħam matul ir-Randan kollu, u trid issum il-ġranet kollha tar-Randan, minbarra l-Ħadd. Min ma jsumx kien jagħmel dnub mejjet, li jfisser infern għal min jitlef ħajtu qabel ikun qerr.

Il-maġġoranza tal-Maltin kienet tosserva dan l-obbligu, tant li l-ħwienet tal-laħam kienu jagħlqu, u jifthu biss is-Sibt. Iżda wara l-aħħar gwerra s-sawm kien obbligu biss l-Erbgħa u l-Ġimgħa, u wara l-Konċilju Vatikan II sar biss l-ewwel ġurnata tar-Randan, imsejħa l-Erbgħa ta' l-Irmied jew Ras ir-Randan, meta fil-knejjes tagħna ssir iċ-ċerimonja tat-tqegħid ta' l-irmied bħala sinjal ta' penitenza. Ġurnata oħra li għad hemm dan l-obbligu hija l-Ġimgħa l-Kbira.

**Il-Liturġija tar-Randan**

Għalkemm il-Knisja naqqset ħafna s-sawm fir-Randan, xorta waħda daż-żmien huwa żmien ta' penitenza. Is-saċerdot iqaddes bil-kulur vjola, jitneħħew il-fjuri minn fuq l-artal u jitqiegħed Kurċifiss akbar minn tas-soltu biex iġegħelna naħsbu aktar fil-Passjoni u l-Mewt ta' Ġesù. F'Bormla qabel il-gwerra kien jitqiegħed il-kurċifiss famuż ta' l-avorju, xogħol tassew artistiku u antik. Floku issa qiegħed jitpoġġa l-kurċifiss kbir magħmul mill-artist Bormliż, Ġużeppi Caruana "Ta' Marċiol". L-ebda żwieġ ma kien jista' jsir fir-Randan.

Fil-ġimgħat kollha tar-Randan fil-parroċċi ta' Malta, kienet issir priedka dwar il-Passjoni ta' Kristu u jitkanta s-Salm 'Miserere'. Anzi f'diversi parroċċa bħaż-Żejtun, il-Belt (Ta' Ġieżu) u f'Ħal Qormi kull ġimgħa tar-Randan kienu joħorġu vara tal-Ġimgħa l-Kbira fil-knisja: l-ewwel ġimgħa 'Ġesù fl-Ort', it-tieni ġimgħa 'Il-Kolonna' (il-Marbut), it-tielet ġimgħa 'Il-Porpra' (Ecce Homo), ir-raba' ġimgħa 'Ir-Redentur', il-ħames ġimgħa 'Il-Vara l-Kbira' u fl-aħħar ġimgħa kienet issir il-Festa tad-Duluri. F'Bormla l-vari kienu joħorġu fl-Oratorju fejn kienet issir funzjoni żgħira bil-priedka. Fil-Belt, fil-knisja ta' Ġieżu, kull ġimgħa kienet issir purċissjoni b'vara differenti. It-Teatru Rjal kien jagħlaq u l-ebda opra ma kienet issir fir-Randan.

### Ħadd in-Nies

Fl-ewwel Ħadd tar-Randan f'Ħaż-Żabbar isir dak li jgħidulu "Ħadd in-Nies" meta ħafna Maltin, l-aktar dawk li fil-Karnival libsu ta' maskarati kienu jmorru Ħaż-Żabbar biex suppost jagħmlu penitenza biex ipattu għan-nuqqasijiet tagħhom. Imma ta' spiss kien jiġri li flok penitenza jsir karnival fejn kulħadd jixxala, jiekol u jixrob. Kellu jkun il-Kappillan Luigi Catania li biddel id-drawwa xejn nisranija, u beda jorganizza pellegrinaġġ fejn kienu u għadhom jieħdu sehem l-għaqdiet kollha tal-parroċċa. Fi żmien il-Kappillan Joseph Zarb, għal diversi snin kienu jiġu organizzati karrijiet b'tema storiku fuq il-Madonna tal-Grazzja u Ħaż-Żabbar.

Il-pellegrinaġġ għadu jsir sa llum, meta kull sena jieħu sehem l-Arċisqof ta' Malta.

### Il-Festa tad-Duluri

Naħseb li l-aktar festa devota tal-Madonna f'Malta hija l-festa tad-Duluri li ssir fl-aħħar Ġimgħa tar-Randan qabel il-Ġimgħa l-Kbira. Qabel il-gwerra kienet issir purċissjoni fil-Belt u l-Birgu biss, iżda llum il-purċissjoni tad-Duluri hija aktar popolari fostna u ssir kważi fil-parroċċi kollha, fejn kullimkien jattendu ħafna nies. Il-postijiet ta' *entertainment* kienu u għadhom jagħalqu u fil-fabbriki u fil-ħwienet tax-xogħol, bħat-Tarzna, issir quddiesa għall-ħaddiema fejn l-attendenza tkun numeruża ħafna.

F'Bormla l-festa tad-Duluri kienet issir fl-Oratorju bis-solennità kollha. Sitt'ijiem qabel il-festa kienet issir is-Settena meta kienu jsiru priedki dwar is-Seba' Duluri tal-Madonna u nhar il-festa filgħodu kienet issir quddiesa kantata bil-paneġierku u filgħaxija kienet tiġi ċċelebrata ċerimonja tant sabiħa tal-'Via Matris', fejn kienu jsiru seba' priedki dwar is-Seba' Duluri tal-Madonna bl-intervalli b'kant. Qabel il-gwerra kien imexxi l-mużika u l-kant is-Sur Ġann Feliċ Vassallo. L-Oratorju kien ikun fgat bin-nies u l-predikatur kien ikun gala bil-firjolun. Daż-żmien il-festa tad-Duluri qiegħda ssir fil-knisja fejn issir quddiesa kantata bl-omelija, wara ssir purċissjoni bl-istatwa tad-Duluri.

Qabel il-gwerra ħafna Maltin kienu jagħmlu sawma speċjali hekk imsejħa "Ta' Seba' Bukkuni", meta kienu jduru bieb bieb jittallbu xi ħaġa ta' l-ikel.

### L-Eżerċizzi Spiritwali

Fir-Randan kienu jsiru u għadhom isiru dawk li ngħidulhom l-Eżerċizzi Spiritwali, meta jsiru priedki dwar it-tagħlim tal-Knisja. Dawn il-priedki ma kinux isiru fuq il-pulptu, iżda fuq palk b'kurċifiss kbir li kien jintrama fil-kursija tal-knisja. Il-predikatur bla *loud speaker* kien jgħajjat ħafna biex jinstema' aktar.

Qabel il-gwerra kienu jsiru biss żewġ korsijiet ta' Eżerċizzi, wieħed għan-nisa wara nofs in-nhar u ieħor għall-irġiel filgħaxija: żewġ priedki kuljum waħda tissejjaħ "Istruzzjoni" u l-oħra "Meditazzjoni"; jibdew il-Ħadd u jispiċċaw il-Ħadd ta' wara. Il-Maltin kienu jieħdu dawn l-eżerċizzi bl-akbar serjetà. Il-knisja kienet tkun fgata bin-nies, kemm f'tan-nisa, kif ukoll f'ta' l-irġiel. Għalkemm ma kienx hemm obbligu gravi biex tisma' dawn il-priedki, ħafna kienu jaħsbu li jekk ma tismagħhomx trid tmur tqerr. Fil-ħin ta' dawn il-priedki l-każini u l-ħwienet tax-xorb kienu jagħalqu. Interessanti li bejn priedka u oħra kien jitkanta s-Salm 'Miserere'. Dan il-kant kien iservi ta' intervall, meta l-irġiel joħorġu fuq iz-zuntier ipejpu sigarett, waqt li oħrajn kienu jieklu l-karamelli li jkunu xtraw qabel minn ħdejn il-bieb tal-knisja.

Is-*sex education* qabel il-gwerra ħadd ma kien isemmiha. Għalhekk meta l-predikatur kien ikun ser jitkellem fuq iż-żwieġ, il-ġurnata ta' qabel f'ta' l-irġiel kien javża lill-ġuvintur, u lix-xebbiet f'tan-nisa, biex l-għada ma jattendux għall-priedki. Illum jekk ma tismax il-Konferenzi ta' Kana, l-Arċipriet ma jkunx jista' jżewġek. Kienet dinja oħra!

## Il-Festa tal-Via Sagra

F'wieħed mill-Ħdud tar-Randan kienet issir il-Festa tal-Via Sagra meta kienu jisru 14-il priedka. Il-predikatur kien ikun saċerdot magħruf għall-għerf tiegħu u jrid ikollu vuċi tajba, għax il-*loud speaker* kien għadu ma wasalx Malta. Bejn priedka u oħra kien isir intervall b'mużika, li qabel il-gwerra f'Bormla, kien imexxi s-Surmast Pace ("Ta Babusu") u wara l-gwerra kien jieħu ħsieb is-Surmast Lorenzo Galea mill-Birgu.

Din il-festa kienet ukoll għal qalb in-nies, għax ħafna kienu jmorru l-knisja biex jisimgħu l-mużika sagra u funebri li kienet tindaqq bejn priedka u oħra. Niftakru li dak iż-żmien ma kienx hawn la televiżjoni, la C.D's, eċċ. Kull min kien irid jisma' xi mużika sabiħa kien irid imur il-knisja. Mur għid liż-żgħażagħ ta' llum li biex tisma' biċċa mużika jrid ikollok tisma' 14-il priedka, waħda wara l-oħra! Affarijiet li llum ma jitwemmnux! Kienu żminijiet oħra!

## Ħadd il-Palm

Fl-aħħar Ħadd tar-Randan kienet u għadha ssir iċ-Ċerimonja tat-Tberik tal-Palm. Illum hija ferm differenti minn ta' qabel il-gwerra għax tbiddlet ħafna. Qabel il-Konċilju Vatikan II kienu jgħattu l-kwadri u l-Istatwi kollha b'ċarruta vjola. Fil-funzjoni ta' Ħadd il-Palm kienet issir purċissjoni madwar iz-zuntier, u meta tasal quddiem il-bieb tal-knisja, parti mill-purċissjoni tidħol ġewwa l-knisja,

jingħalaq il-bieb u l-parti l-oħra tibqa' barra fuq iz-zuntier ikantaw innijiet sagri; kulħadd f'idejh ikollu l-palm u weraq taż-żebbuġ. Meta ċ-ċelebrant iħabbat tliet darbiet fuq il-bieb il-purċissjoni tidħol kollha biex titqaddes il-quddiesa konventwali bil-kant tal-Passju.

Illum din il-funzjoni ħadet forma oħra aktar solenni. Il-purċissjoni ssir iktar fit-tul fejn jieħdu sehem il-*boy scouts* u l-għaqdiet reliġjużi. F'ħafna parroċċi tieħu sehem ukoll il-banda u jsir *pageant* b'Ġesù fuq ħmara, biex ifakkar id-dħul ta' Kristu f'Ġerusalemm.

Kienet drawwa sabiħa li nhar Ħadd il-Palm, l-irġiel jilbsu lbies gala kulur skur. Kienu wkoll jagħmlu slaleb bil-palm, u bil-weraq taż-żebbuġ biex jeħmżuhom mal-pavru tal-ġlekk.

Huwa veru li ħafna drawwiet spiċċaw, imma xorta waħda r-Randan għadu żmien ta' penitenza, fejn in-nisrani tassew, għandu jersaq aktar lejn il-knisja, aktar lejn Ġesù u lejn is-Sagrament. Huwa żmien ta' *check up* spiritwali.

**Kan. Jos. Bonello**
***Direttur Spiritwali***




*Domestic Appliances Centres*

Gavino Gulia Square, Cospicua CSP 02
Tel/Fax: 664286
Dun Karm Street, Iklin – Lija BZN 11
Tel: 418812 Fax: 418813
Service Department • Tel: 418814/418815